# JIENA U NAQRA L-VANĠELU

Fil-ħarġa Jannar-Marzu 1959, faċċata 18 ktibna: "Min jaqra l-Vanġeli u jqabbilhom bejniethom jiltaqa ma ħafna tfixkil li xi drabi jwaqqfu jew iġarrfu fil-mixi tal-qari tiegħu." U naħseb jien li aktar minn wieħed, hu u jaqra l-Vanġelu, kellu jieqaf biex jara kif sa jeħles minn xi tfixkil. Ngħidu aħna: Il-Vanġelu ta' San Mattew jibda bir-rakkont tat-twelid ta' Ġesu Bambin. Hekk ukoll jibda l-Vanġelu ta' San Luqa. Imma r-rakkont ta' wieħed ma jixbah xejn lir-rakkont tal-ieħor. San Mattew donnu ma jaf xejn li Ġesù twieled barra mid-dar, fi żmien ta' ċensiment ordnat mill-Imperatur Augustu; mill-banda l-oħra San Luqa donnu anqas ma jaf bil-miġja tas-slaten maġi u bil-qtil tat-trabi ta' Betlehem. U wieħed jaħbat igħid: Lil min naqbad nemmen minnhom it-tnejn? Barra minn dan f'San Mattew 5-7 naqraw diskors twil ta' Kristu li f'San Luqa naqrawh imqassam fi bċejjeċ li Kristu qalhom fi żmenijiet differenti. Nerġgħu nistaqsu: Qal Kristu dak id-diskors f'darba waħda u f'okkażjoni waħda, skond ma naqraw f'San Mattew, jew fi żmenijiet u okkażjonijiet differenti kif igħidilna San Luqa? Lil min nemmnu?

Niftakru dak li għidna fl-artiklu ta' Jannar-Marzu 1959: l-evanġelisti ma kellhomx f'moħħom jirrakkontaw il-ħajja kollha ta' Kristu bl-irqaqat kollha ta' meta, xħin' u fejn. Huma riedu biss jagħżlu xi ħwejjeġ mill-ħajja tiegħu biex igħallmu tagħlim aktar għoli fuqu. Nieħdu l-istorja tat-twelid ta' Kristu. Kien jaf San Mattew li Kristu twieled barra mid-dar, f'għar tal-bhejjem, f'okkażjoni ta' ċensiment? Naħsbu li kien jaf. U kien jaf San Luqa li Kristu, ftit wara li twieled, kellu jkun meħud l-Eġittu u li Erodi qatel it-trabi ta' Betlehem? Naħsbu li kien jaf ukoll minn għand il-Madonna jew minn għand l-Appostli. Mela l-għala ma jaqblux bejniethom? Għax wieħed għoġbitu ħaġa u wieħed għoġbitu oħra.

Kulħadd jagħżel dak li jogħġob lilu. Iżda madankollu nistgħu nsibu xi raġuni li tfissrilna d-differenza bejniethom. Mattew kien Lhudi u kiteb għal Lhud, u San Luqa kien Grieg li kiteb għall-Griegi. Għalhekk San Mattew rabat l-istorja tat-twelid ta' Kristu mal ġrajja tat-Testment il-Qadim u San Luqa rabatha mal-istorja tas-saltna ta' Ruma. Hekk San Mattew, wara li qalilna li Kristu tnissel minn omm mingħajr missier, iżid igħid: "Dan kollu ġara biex iseħħ dak li qal il-Mulej bil-profeta...... (Is. 7, 14)." U meta ġew il-maġi Ġerusalem isaqsu fejn hu s-sultan tal-Lhud, Erodi staqsa l-għorrief tiegħu fejn kellu jitwieled il-Messija u dawn weġbuh: "F'Betlehem ta' Ġuda, għax hekk hu miktub mill-profeta". Biex jaħrab mill-qilla ta' Erodi Kristu kien meħud l-Eġittu fejn dam sa mewt Erodi biex iseħħ dak li qal il-profeta: "Mill-Eġittu sejjaħt lil ibni". Bil-qtil tat-trabi seħħ dak li qal il-profeta Ġeremija. Meta ġie lura mill-Eġittu, Kristu għammar f'Nażaret biex iseħħ dak li qal il-profeta. U hekk naraw li mill-istorja tat-twelid ta' Kristu Mattew għażel biss dawk il-ġrajja li kienu

mħabbrin mill-profeti biex juri li Kristu kien tassew il-Messija mħabbar mill-profeti għax fih seħħ it-taħbir tagħhom.

Imma San Luqa kien jikteb lill-insara li kienu pagani, li ma kienu jafu xejn mit-taħbir tal-profeti fuq il-Messija; l-istorja ta' San Mattew ma kienet ta' l-ebda interess għalihom, għalhekk San Luqa semma biss dak li seta' jolqot moħħ il-qarrejja tiegħu. L-imperatur Awgustu ordna ċensiment; Ġużeppi u Marija marru jinkitbu; ġie l-lejl; ma sabux fejn idaħħlu rashom; għaddew il-lejl barra f'għar tal-bhejjem u hemm twieled Ġesù; u l-anġli ħabbru t-twelid tiegħu; wara 40 ġurnata kien ippreżentat fit-tempju.

U hekk naraw li d-differenzi bejn ir-rakkont ta' San Mattew u r-rakkont ta' San Luqa tat-twelid ta' Kristu nistgħu nifhmuhom. Mhumiex jiktbu wieħed kontra l-ieħor; ma nistgħux ngħidu li wieħed qiegħed igħid is-sewwa u l-ieħor mhux. Le, xejn minn dan kollu; it-tnejn qegħdin igħidu s-sewwa, mhux is-sewwa kollu, imma dik il-biċċa biss li kienet tgħodd għalihom. B'hekk ma qalu xejn kontra l-verita. Ħadd minnhom ma kien marbut biex igħid l-istorja kollha tat-twelid ta' Ġesù.

San Mark ma jgħid xejn fuq it-twelid ta' Ġesù. Għax ma kien jaf xejn? Le. Għax l-istorja tat-twelid ta' Ġesù ma kenitx tidħol fl-istorja ta' Kristu kif kienet f'moħħ San Mark. San Mark beda l-istorja ta' Ġesù mill-bidu tal-ministeru tiegħu u ħalla barra dak kollu li ġara qabel. Hekk ukoll għamel San Ġwann. Għalkemm hu beda l-evanġelu mit-twelid etern tal-Iben t'Alla mill-Missier, fuq l-inkarnazzjoni tal-Verb divin ma jgħidx ħaġ'oħra ħlief il-kelmiet: "U l-Kelma saret ġisem u għammret fostna". L-istorja tat-twelid ta' Kristu ma kenitx tidħol fil-pjan tal-evanġelju ta' San Ġwann.

Hekk ukoll nistgħu nfissru l-għala San Mattew iġib id-diskors tal-muntanja f'darba, u San Luqa jqassmu f'ħafna bċejjeċ. Imma fuq dan u fuq differenzi oħra bejn il-Vanġelu nitkellmu darb'oħra.

P.P. SAYDON

---

# *Qwiel tal-Palestina*

*La tiġġewweż minn għer ħibb.* Tiżżewwiġx mingħajr imħabba. Jekk tiżżewweġ fuq il-qalb, għal ġid jew għax tkun imġiegħel min-niesek, tistenniex li sa tgħaddi ħajja ħienja. Is-sies taż-żwieġ hija l-imħabba. U bini bla sies m'hux għajr jistelaħ, daqqa min-naħa u daqqa minn oħra.

*Li begħed minnek jum, ibgħed minnu sena.* Min telqek għal jum, itilqu għal sena. Biex turih li lilek b'daqshekk ma għamillek xejn, u tgħaddi mingħajru.

*Lil għannej, la tqollu: "għanni", u lir-raqqâs: "urqos".* Lil għannej tgħidlux "għanni", u liż-żeffien tgħidlux "iżfen". Għax it-turija talferħ trid tkun ġejja mill-qalb, inkella ma tistax toħroġ tajba.